

ECHA-12-A-04-MT

# Programm ta' Ħidma għall-2013

Ħidma biex issir l-awtorità regolatorja ewlenija fir-rigward tas-sigurtà tas-sustanzi kimiċi.

## Il-miri strateġiċi tal-ECHA.

L-ECHA stabbiliet erba' miri strateġiċi li kienu ddokumentati fil-programm tagħha fit-tul għall-2013-2015. L-ECHA qiegħda issa tipprepara programm ġdid aktar fit-tul għall-2014-2018 li ser jispjega kif il-miri strateġiċi jistgħu jiġu ttrasformati fi strateġija kompleta li tiżgura li jintlaħħqu l-miri ambizzjużi stabbiliti mir-Regolamenti REACH u CLP.

### IL-MIRI STRATEĠIĊI TAL-ECHA



- Li tkun massimizzata d-disponibbiltà ta' dejta ta' kwalità għolja biex ikunu possibbli l-manifattura u l-użu sigur ta' sustanzi kimiċi.
- Li jkunu mobilizzati l-awtoritajiet biex jużaw id-dejta b'mod intelliġenti biex jidentifikaw u jindirizzaw sustanzi kimiċi ta' tħassib.
- Li jkunu indirizzati l-isfidi xjentifiċi billi l-ECHA isservi bħala buttn għall-bini tal-kapaċità xjentifika u regolatorja tal-Istati Membri, tal-istituzzjonijiet Ewropej u ta' atturi oħra.
- Li jiġu mħaddna kompiti leġiżlattivi preżenti u ġodda b'mod effiċjenti u effettiv, filwaqt li wieħed jaddatta għal-limiti prospettivi ta' riżorsi.

## Sena bieżla quddiemna

It-tieni skadenza ta' reġistrazzjoni REACH hija fil-31 ta' Mejju 2013. Kumpaniji li jixtiequ qiegħdu sustanzi kimiċi fis-suq Ewropew fi jew f'aktar minn 100 tunnellata metrika kull sena jkollhom jippreżentaw dossiers ta' reġistrazzjoni lill-ECHA.

**Il-bijoċidi** jintużaw biex jipproteġu lill-bnedmin, lill-annimali, lil materjali jew oġġetti kontra organiżmi ta' ħsara, bħal pesti jew batteri. Ir-Regolament Ewropew dwar il-Prodotti Bijoċidali ser ikun qed jidhrol fis-seħħ fl-1 ta' Settembru 2013 u ħafna kumpaniji jkollhom jippreżentaw dossiers lill-ECHA sabiex jottjenu approvazzjoni għal sustanza attiva. Aktar kmieni, l-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni għal prodott bijoċidali kellha ssir f'pajjiż wieħed kull darba. Bir-regolament il-ġdid, il-kumpaniji jistgħu japplikaw ukoll għal awtorizzazzjoni fl-istati membri kollha tal-Unjoni Ewropea billi jippreżentaw biss dossier wieħed lill-ECHA.

Matul is-sena li għaddiet l-Aġenzija bdiet tipprepara għar-Regolament dwar il-Prodotti Bijoċidali f'virtwalment l-oqsma kollha tax-xogħol tagħha. Dan ix-xogħol preparatorju ser ikompli fl-2013.

L-iskadenza tar-reġistrazzjoni u r-Regolament dwar il-Prodotti Bijoċidali ser iżidu l-volumi tal-preżentazzjoni tad-dossiers. Din iż-żieda ser teffettwa lil proċessi oħra, per eżempju l-valutazzjoni tad-dossiers. L-ammont ta' informazzjoni dwar sustanzi li hu ppubblikat u l-volum ta' mistoqsijiet li l-ECHA tirċievi per eżempju permezz tal-Ħelpdesk tal-ECHA ser jikbru wkoll. L-ECHA hija ppreparata tajjeb li tipprovdi assistenza xierqa u tgħin lil kumpaniji u lil awtoritajiet.

## Suppożizzjonijiet bażi u riżorsi stmati għall-2013

NGĦINU LIL KUMPAJNI JIKKONFORMAW MAL-LEĠIŻLAZZJONI DWAR IS-SUSTANZI KIMIĊI	
Dossiers ta' reġistrazzjoni	15 200
Proposti ta' ttestjar	410
Talbiet għal aċċess għal dejta ta' aktar minn 12-il sena	240
Notifikazzjonijiet PPORD	400
Domandi	1 200
Appelli	36
Kontrolli tad-daqs tal-kumpanija	300
Talbiet għal ismijiet alternattivi	150
Kontrolli ta' konformità	560
INTEJBU L-UŻU SIGUR TA' SUSTANZI KIMIĊI	
Proposti għal klassifikazzjoni u ttikkettar armonizzati	70
Deċiżjonijiet dwar il-valutazzjoni ta' sustanzi	30
NIPPROVDU INFORMAZZJONI DWAR IS-SUSTANZI KIMIĊI	
Helpdesk, domandi ġenerali u tal-kamra tal-aħbarijiet	11 800
Talbiet għal kunfidenzjalità	770
NINDIRIZZAW SUSTANZI KIMIĊI TA' TĦASSIB	
Proposti ta' restrizzjoni	8
Proposti għall-identifikazzjoni bħala SVHC	30
Applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni	20
OĦRAJN	
Aċċess għal deċiżjonijiet dwar dokumenti	400
L-għadd ta' persunal statutorju	608
Il-Baġit tal-Aġenzija	107 miljun..



Ritratt: ECHA

### Sfidi xjentifiċi

Sa l-aħħar tal-2013, l-ECHA impenjat ruħha li tiffinalizza l-kontroll ta' konformità fuq 5% tad-dossiers li waslu qabel l-ewwel skadenza ta' reġistrazzjoni.

Il-valutazzjoni tas-sustanzi jeħtieġ li tibqa' ssir u l-ewwel dossiers għall-applikazzjoni tal-awtorizzazzjoni ser ikunu qegħdin jaslu fl-2013. Sabiex dan ikun possibbli b'effiċjenza, għall-ewwel darba ser jiġu ttestjati proċessi ġodda.

F'diversi modi l-2013 ser tkun sena determinanti għall-ECHA. L-Aġenzija qiegħda tippjana li timmaniġġa l-isfidi li s-sena l-ġdida ser iġġib billi tiffoka fuq aktar effiċjenza u fuq il-prijoritizzazzjoni ta' kompiti prinċipali.